

Stqarrija għall-Istampa tal-FRA  
Vjenna/Brussels, 14 ta' Mejju 2020

## Fost il-persuni LGBTI tal-Ewropa teżisti tama jew biża’?

**Ir-riżultati tal-istħarriġ tal-Aġenċija tal-UE għad-Drittijiet Fundamentali dwar l-esperjenzi tal-persuni LGBTI fl-Ewropa juru li aktar persuni leżbjani, gay, bisesswali, transesswali u intersesswali (LGBTI) issa huma miftuħha dwar min huma, iżda l-biża’, il-vjolenza u d-diskriminazzjoni għadhom f’livelli għoljin. B’140,000 rispondent, dan huwa l-akbar stħarriġ li qatt sar dwar ir-reati ta’ mibegħda u d-diskriminazzjoni kontra l-persuni LGBTI. Is-sejbiet għandhom jixprunaw il-miżuri ta’ politika biex jipproteġu u jippromwovu aktar id-drittijiet tal-persuni LGBTI.**

*“Għad fadal numru kbir wisq ta’ persuni LGBTI li qed jgħixu ħajja li mhumiex kuntenti biha, f’biża’ li jiġu redikolati, diskriminati jew saħansitra attakkati. Minkejja li xi pajjiżi mxew ‘il quddiem fir-rigward tal-ugwaljanza tal-LGBTI, is-sejbiet tal-istħarriġ tagħna juru li b’mod ġenerali ftit li xejn kien hemm progress reali, u dan iħalli ħafna persuni LGBTI vulnerabbli. Id-diffikultajiet tagħhom marbuta max-xogħol u l-kura tas-sahħha jistgħu jmorru għall-agħar minħabba l-COVID-19. Dawk li jfasslu l-politika għandhom jieħdu nota ta’ dan u jaġħimlu aktar biex jippromwovu b’mod attiv ir-rispett sħiħ tad-drittijiet tal-persuni LGBTI,” jgħid id-Direttur tal-FRA [Michael O’Flaherty](#).*

Il-Kummissarju għall-Ugwaljanza, Helena Dalli żiedet tgħid: “Minkejja l-passi importanti ‘i quddiem fir-rigward tal-ugwaljanza tal-persuni LGBTI+ li saru f’dawn l-aħħar snin fl-UE, il-persuni LGBTI+ xorta għadhom jirrapportaw livelli għoljin ta’ diskriminazzjoni. Aktar inkwetanti minn hekk, riċentament fl-UE rajna inċidenti kontra l-LGBTI bħal attakki fuq l-avvenimenti Pride, l-adozzjoni ta’ dikjarazzjonijiet ta’ “żona libera mill-ideoloġija LGBTI”, multi għal reklamar favur il-persuni LGBTI u oħrajn. Kull persuna fl-Unjoni Ewropea għandha tħossha sikura u libera li tkun hi nnifha.”

Ir-rapport [“A long way to ġo for LGBTI equality”](#) (Għad fadal triq twila għall-ugwaljanza tal-LGBTI) jagħti ħarsa lejn kif madwar 140,000 persuna LGBTI fl-Unjoni Ewropea, fir-Renju Unit, fis-Serbja u fil-Maċedonja ta’ Fuq jesperjenzaw id-drittijiet tal-bniedem tagħhom. Dan jissottolinja wkoll il-bidliet minn mindu sar l-ewwel [stħarriġ fost l-LGBT](#) tal-FRA fl-2012.

It-tqabbil taż-żewġ stħarriġiet juri li kien hemm ftit progress globali f’dawn is-seba’ snin. Il-medji tal-UE jaħbu differenzi importanti bejn il-pajjiżi. F’xi wħud, aktar minn 70 % tar-rispondenti LGBTI jgħidu li s-soċjetà hija aktar tolleranti, filwaqt li f’oħrajn, sa 68 % jgħidu li hija inqas tolleranti.

Is-sejbiet ewlenin tal-istħarriġ jinkludu:

- Ftuħ:** 6 minn kull 10 jevitaw li jżommu idejn is-sieħeb/sieħba tagħhom fil-pubbliku.
- Fastidju:** 2 minn kull 5 rispondenti jgħidu li sofrew fastidju s-sena ta’ qabel l-istħarriġ.
- Attakki:** 1 minn kull 5 persuni transesswali u intersesswali ġew attakkati fiżiżkament jew sesswalment, id-doppju ta’ dak ta’ gruppi LGBTI oħra.
- Diskriminazzjoni:** 1 minn kull 5 rispondenti jħossuhom diskriminati fuq il-post tax-xogħol u aktar minn 1 minn kull 3 iħossuhom diskriminati meta jmorru jieklu, jixorbu jew jissoċjalizzaw x’imkien barra.
- Tagħlim:** 1 minn kull 2 studenti LGBTI jgħidu li xi ħadd fost il-pari jew l-għalliema tagħhom jappoġġa l-persuni LGBTI.
- Il-qagħda ekonomika:** 1 minn kull 3 persuni LGBTI jgħidu li għandhom diffikultajiet biex il-ħaġha mal-ħajja. Is-sitwazzjoni hija agħar għall-persuni intersesswali u transesswali (madwar 1 minn 2).

Din l-evidenza se tappoġġa l-Istrateġija tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTI li hija mistennija din is-sena. Il-FRA tistieden lill-UE u lill-Istati Membri tagħha biex jistabbilixxu miżuri li jipproteġu d-drittijiet tal-persuni LGBTI, inkluż:

- **Ir-reati ta' mibegħda** – tinbena kultura ta' tolleranza żero fir-rigward tal-vjolenza u l-fastidju kontra l-komunità LGBTI sabiex il-persuni LGBTI jkunu jistgħu jgawdu d-dritt tagħhom li jiċċa qalqu liberament u mingħajr biża'. Isir investiment fit-taħriġ biex jiġi żgurat li l-pulizija jkunu jistgħu jirrikonox Xu, iżommu rekord u jinvestigaw kif xieraq ir-reati ta' mibegħda kontra persuni LGBTI sabiex il-vittmi jħossuhom sikuri li jiarrappurtaw attakki u jiġu ttrattati b'mod ugħwali.
- **Ir-rappurtar** – jiġi ffaċilitat il-mod kif il-vittmi jirrapprtaw ir-reati u d-diskriminazzjoni permezz ta' għodod ta' rappurtar online, kollegament mal-komunità u taħriġ tal-pulizija. Jiġu pprovduti riżorsi adegwati lill-korpi tal-ugwaljanza sabiex ikunu jistgħu jappoġġaw b'mod effettiv lill-vittmi ta' diskriminazzjoni.
- **Id-diskriminazzjoni** - tiġi adottata d-Direttiva dwar it-Trattament Ugwali biex il-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni tiġi estiża lil hinn mill-impieg. Jitwettqu azzjonijiet nazzjonali komprezzivi biex jiġi promoss ir-rispett tad-drittijiet tal-persuni LGBTI fl-oqsma kollha tal-ħajja.
- **It-tagħlim** - jinħoloq ambjent sikur u ta' appoġġ għaż-żgħażaq tagħiġi LGBTI fl-iskola. Tingħata għajjnuna lill-iskejjel u lill-għalliema biex jikkondividu l-esperjenzi tagħhom, jiġieldu kontra l-bullying ta' studenti LGBTI u jiżguraw li l-materjal edukattiv ma jqabbilx il-fatt li persuna LGBTI ifisser li jkollha marda.
- **Mexxi bl-eżempju** - kulħadd jista' jaqdi r-rwol tiegħu biex l-ugwaljanza ssir reallà.

Dan l-istħarriġ ikopri s-27 Stat Membru tal-UE, ir-Renju Unit, is-Serbja u l-Maċedonja ta' Fuq. Għall-ewwel darba, dan jinkludi esperjenzi ta' persuni intersesswali u żgħażaq tagħiġi LGBTI li għandhom bejn 15 u 17-il sena.

Flimkien mar-riżultati ewlenin tal-istħarriġ, il-FRA tippubblika [esploratur tad-data](#) online estensiv, li jippermetti l-filtrazzjoni tad-data skont il-pajjiż, skont il-mistoqsija tal-istħarriġ u skont il-grupp L, G, B, T jew I.

### Aktar informazzjoni

Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġibok ara l-[pakkett għall-istampa](#) jew ikkuntattja lil [media@fra.europa.eu](mailto:media@fra.europa.eu) / Tel.: +43 1 580 30 653